IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2020
COM(2020) 613 final

2020/0277 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

F'Settembru 2019, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, ħabbret Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jinvolvi approċċ komprensiv lejn il-fruntieri esterni, is-sistemi tal-ażil u tar-ritorn, iż-żona Schengen tal-moviment liberu u d-dimensjoni esterna.

Il-Komunikazzjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ippreżentata flimkien ma' sett ta' proposti leġiżlattivi, inkluż din il-proposta li tindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, tirrappreżenta bidu ġdid dwar il-migrazzjoni. L-għan huwa li jiġi stabbilit qafas wiesa' bbażat fuq approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, li jippromwovi l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Abbażi tal-prinċipji ġenerali tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, il-Patt il-Ġdid jappoġġa t-tfassil integrat tal-politika, li jgħaqqad flimkien il-politiki fl-oqsma tal-ażil, il-migrazzjoni, ir-ritorn, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

Il-Patt il-Ġdid jibni fuq il-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil mill-2016 u l-2018 u jżid elementi ġodda biex jiżgura l-bilanċ meħtieġ għal qafas komuni li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni permezz ta' tfassil ta' politika integrata fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, inklużi kemm il-komponenti interni kif ukoll dawk esterni tagħha. Bħala parti minn dan il-qafas, jeħtieġ li tiġi stabbilita sistema b'għodod meħtieġa biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' kriżi u sitwazzjonijiet ta' force majeure.

Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit mir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni huwa flessibbli u risponsiv fl-għamla tiegħu sabiex ikun jista' jiġi aġġustat għas-sitwazzjonijiet differenti ppreżentati mill-isfidi migratorji differenti ffaċċjati mill-Istati Membri, billi jiġu stabbiliti miżuri ta' solidarjetà li minnhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkontribwixxu. Dan l-approċċ il-ġdid għas-solidarjetà jipprovdi appoġġ kontinwu u varjat lill-Istati Membri taħt pressjoni jew taħt riskju ta' pressjoni u jinkludi proċess speċifiku biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet tal-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ (SAR). Bl-istess mod, ir-regoli ta' proċedura stabbiliti fir-Regolament il-ġdid dwar il-Proċeduri tal-Ażil se jżidu l-effiċjenza u l-koerenza ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni. Meħudin flimkien ma' sett usa' ta' miżuri li għandhom jiġu applikati bħala parti mill-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu ppreparati aħjar biex jevitaw li tinħoloq sitwazzjoni ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li tinħoloq sitwazzjoni ta' kriżi minħabba l-fatturi varji li joperaw barra mill-kontroll tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kif turi l-esperjenza reċenti. Kif turi wkoll l-esperjenza tagħna matul il-kriżi tar-refuġjati tal-2015, l-Unjoni teħtieġ approċċ strutturat biex tittratta l-kriżi sabiex jiġu evitati reazzjonijiet *ad hoc*. Huwa għalhekk xieraq li l-qafas leġiżlattiv li jopera f'dan il-qasam ikun ikkumplimentat minn strument li jiżgura li l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha regoli speċifiċi li jistgħu jindirizzaw is-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' kriżi b'mod effettiv, li jikkumplimenta l-mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju u l-proċeduri li normalment japplikaw. Regoli bħal dawn jipprovdu għal regoli u derogi ta' proċedura xierqa u l-iskattar rapidu ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru wieħed jew aktar biex jirrispondu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi ta' daqs tant kbir li jpoġġu piż sinifikanti saħansitra fuq sistemi ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni ppreparati tajjeb u li jiffunzjonaw sew.

Dan l-istrument ta' kriżi għalhekk ikopri sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru, li jkunu ta' tali skala u natura li jagħmlu s-sistema tal-ażil, l-akkoljenza jew ir-ritorn ta' Stat Membru mhux funzjonali u li magħhom iġibu riskju ta' konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u s-sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni, jew li jirriżultaw fl-impossibbiltà li jiġu applikati. Sitwazzjonijiet fejn hemm riskju ta' wasliet bħal dawn se jkunu koperti wkoll. Ir-Regolament propost jindirizza wkoll sitwazzjonijiet ta' force majeure fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-Unjoni. Dan jipprovdi l-adattament meħtieġ għar-regoli tal-UE dwar il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn kif ukoll għall-mekkaniżmi ta' solidarjetà stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni].

Din il-proposta, flimkien mal-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil[1], il-proposta l-ġdida għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni[2], il-proposta li tintroduċi skrinjar[3] u l-proposta li temenda l-proposta Eurodac[4], tistabbilixxi l-qafas leġiżlattiv li jpoġġi fil-prattika dan l-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil.

Il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament tal-Eurodac[5] riformulat tistabbilixxi rabta ċara u konsistenti bejn individwi speċifiċi u l-proċeduri li huma soġġetti għalihom sabiex tassisti aħjar fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u s-sejbien ta' movimenti mhux awtorizzati. Hija tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu l-ġdid dwar is-solidarjetà stabbilit mir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, tipprovdi l-emendi konsegwenzjali meħtieġa li jippermettu lill-Eurodac tiffunzjona fil-qafas tal-interoperabbiltà, u se tappoġġa lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tal-għoti ta' għajnuna għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni.

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-fatt li, minkejja żieda sinifikanti fil-kooperazzjoni fil-livell tal-UE, inkluż fir-rigward tal-appoġġ mill-aġenziji tal-UE, is-sistemi tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn tal-Istati Membri għadhom fil-biċċa l-kbira mhux armonizzati. Dan joħloq ineffiċjenzi u għandu l-konsegwenza mhux intenzjonata li ma jiġix ipprovdut l-istess trattament ġust lil dawk li jfittxu l-ażil madwar l-Ewropa u għalhekk jinċentiva l-moviment ta' għadd kbir ta' migranti madwar l-Ewropa biex ifittxu kundizzjonijiet u prospetti aħjar għas-soġġorn tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tappoġġa l-ftehimiet politiċi provviżorji li diġà ntlaħqu dwar ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, ir-Regolament dwar Qafas ta' Risistemazzjoni tal-UE u r-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil. Dawn għandhom jiġu adottati b'mod finali malajr kemm jista' jkun. In-negozjati dwar id-Direttiva dwar ir-Ritorn[6] riformulata għandhom jiġu konklużi malajr, flimkien mar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-UE jirnexxu fil-prevenzjoni tal-ħrib, f'li jipprovdu għajnuna għal ritorni volontarji u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji, filwaqt li jsaħħu l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.

---

[1] ĠU L […], […], p. […].
[2] ĠU L […], […], p. […].
[3] ĠU L […], […], p. […].
[4] ĠU L […], […], p. […].
[5] ĠU L […], […], p. […].
[6] COM(2018) 634 final.

L-għan ġenerali tal-proposta huwa li tipprovdi għall-adattament meħtieġ tar-regoli dwar il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn (Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil u d-Direttiva dwar ir-Ritorn[7]) kif ukoll tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-UE. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jseħħu malajr ħafna u jkunu ta' tali skala u natura li jkunu jeħtieġu sett speċifiku ta' għodod sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv. Għal dan il-għan, proċedura ssimplifikata u perjodi ta' żmien imqassra huma stabbiliti għall-iskattar tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju previst għal sitwazzjonijiet ta' pressjoni fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Ir-regoli u l-miżuri stabbiliti f'din il-proposta biex tiġi indirizzata sitwazzjoni ta' kriżi huma b'żieda mal-appoġġ operattiv u tekniku li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil tista' tipprovdi[8] f'każ li s-sistemi tal-ażil jew tal-akkoljenza tal-Istat Membru jkunu soġġetti għal pressjoni sproporzjonata.

Barra minn hekk, il-proċedura tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi tipprevedi kamp ta' applikazzjoni usa' għar-rilokazzjoni u ssaħħaħ il-possibbiltà għall-Istati Membri biex jipprovdu għajnuna lil xulxin fit-twettiq tar-ritorn, fil-forma ta' ritorn sponsorizzat. Skont ir-regoli normali stabbiliti fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, l-Istati Membri li jipprovdu ritorn sponsorizzat jimpenjaw ruħhom li jirritornaw migranti irregolari f'isem Stat Membru ieħor, u li jwettqu l-attivitajiet kollha meħtieġa għal dan il-għan direttament mit-territorju tal-Istat Membru benefiċjarju (eż. konsulenza għar-ritorn, imexxu d-djalogu ta' politika ma' pajjiżi terzi, jipprovdu appoġġ għar-ritorn volontarju assistit u r-riintegrazzjoni). Meta r-ritorn ma jkunx iffinalizzat fi żmien tmien xhur, il-migranti irregolari jiġu trasferiti fit-territorju tal-Istat Membru sponsor bil-ħsieb li jiġi ffinalizzat l-infurzar tar-ritorn. Ir-ritorn sponsorizzat f'sitwazzjonijiet ta' kriżi previsti f'din il-proposta jvarja minn dak fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni għaliex l-obbligu tat-trasferiment tal-migranti irregolari jiġi skattat jekk il-persuna kkonċernata ma tirritornax jew ma titneħħiex fi żmien erba' xhur.

Il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet relatati ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi li jippermettu ċerti derogi mir-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil. B'mod partikolari, se jkun possibbli li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera jiġi estiż għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li r-rata ta' rikonoxximent tagħhom tal-prim istanza madwar l-UE kollha hija ta' 75 % jew anqas, b'żieda mar-raġunijiet diġà pprovduti mir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil, kif ukoll li jiġi estiż it-tul ta' żmien għall-eżami ta' applikazzjoni ta' protezzjoni internazzjonali skont il-proċedura fuq il-fruntiera bi tmien ġimgħat addizzjonali. Qed jiġi propost ukoll li l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mid-dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali bi skadenza itwal ta' erba' ġimgħat.

Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi l-possibbiltà ta' deroga minn ċerti dispożizzjonijiet dwar il-proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn kif stabbilit fir-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil u fid-Direttiva proposta dwar ir-Ritorn, sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' tali proċeduri f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, meta jkunu meħtieġa aġġustamenti speċifiċi biex l-awtoritajiet kompetenti taħt pressjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw il-kompiti tagħhom b'mod diliġenti u jlaħħqu ma' ammont ta' xogħol sinifikanti. Għal dan il-għan, il-proposta testendi t-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn b'perjodu

7 Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

8 Abbażi tal-ftehim provviżorju tar-regolament tal-EUAA (l-Artikolu 16).

addizzjonali ta' tmien ġimgħat (ir-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil jistabbilixxi l-limitu massimu ta' żmien għal tnax-il ġimgħa) u tintroduċi każijiet speċifiċi u mmirati sew ġodda, b'żieda ma' dawk stabbiliti fil-proposta għal Direttiva dwar ir-Ritorn riformulata, fejn l-eżistenza ta' riskju ta' ħarba f'każijiet individwali tista' tiġi preżunta, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor. Il-proċedura għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tar-ritorn hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jidderogaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn skont l-Artikolu 2(2)(a) ta' dik l-istess Direttiva, fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li, wara l-iskrinjar imwettaq skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*], ma kisbux awtorizzazzjoni jew dritt ta' permanenza f'dak l-Istat Membru (eż. ma kinux applikaw għal protezzjoni internazzjonali).

Biex l-Istati Membri u l-Unjoni jkunu jistgħu jittrattaw b'mod effettiv sitwazzjonijiet ta' force majeure, bħal fis-sitwazzjoni esperjenzata minħabba l-pandemija tal-COVID-19 iddikjarata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-11 ta' Marzu 2020, ir-Regolament propost jipprevedi wkoll il-possibbiltà li Stat Membru jestendi l-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, u li jestendi l-limiti ta' żmien biex jintbagħtu u jitwieġbu t-talbiet biex tittieħed responsabbiltà u n-notifiki ta' teħid lura u biex jitwettaq it-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli stabbilit fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Din il-proposta tipprevedi wkoll estensjoni tal-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' rilokazzjoni jew it-twettiq ta' ritorn sponsorizzat meta Stat Membru jkun f'sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jiġu ssodisfati dawn l-obbligi kif stabbilit f'dan ir-Regolament u fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.

### 1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-komunikazzjoni dwar il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Pjan Direzzjonali ta' inizjattivi li jakkumpanjawha, inkluża l-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi Skrinjar u r-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil propost.

Din il-proposta tikkumplimenta l-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni safejn tipprevedi regoli speċifiċi għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju biex tkopri s-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' kriżi.

Din il-proposta hija wkoll konsistenti kemm mar-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil propost kif ukoll mal-proposta biex tiġi riformulata d-Direttiva dwar ir-Ritorn, b'mod partikolari billi jiġu pprovduti regoli derogatorji applikabbli fis-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' kriżi fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, it-tul ta' żmien għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont din il-proċedura, l-iskadenzi għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-perjodu ta' żmien tal-proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn.

Barra minn hekk, din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ ma' u sservi biex tikkumplementa l-mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) li jipprevedi qafas operattiv għall-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-flussi tal-migrazzjoni u s-sitwazzjonijiet tal-migrazzjoni, il-bini tar-reżiljenza kif ukoll l-organizzazzjoni ta' rispons koordinat għal kriżi

ta' migrazzjoni. B'mod partikolari, il-proposta tagħmel użu sħiħ mir-rapporti maħruġa u mill-attivitajiet tan-network stabbilit skont il-Blueprint.

Fl-aħħar nett, hija żgurata wkoll il-konsistenza mal-ftehimiet politiċi provviżorji li diġà ntlaħqu dwar ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni tal-UE u r-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil.

### 1.3. Interazzjonijiet mal-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Din il-proposta tistabbilixxi regoli speċifiċi biex jiġi żgurat kamp ta' applikazzjoni usa' u proċedura aktar mgħaġġla minn dik prevista fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sistema effettiva u effiċjenti fis-seħħ b'mod permanenti biex tiġi indirizzata sitwazzjoni ta' kriżi.

L-istabbiliment ta' regoli speċifiċi għas-solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kunsill jadotta, fuq proposta mill-Kummissjoni, miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' Stat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' emerġenza kif deskritt fl-Artikolu 78(3) tat-TFUE.

### 1.4. Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Din il-proposta hija konsistenti mal-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbilit fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jinvolvi t-tqegħid tal-politika dwar il-migrazzjoni fil-qalba tar-relazzjonijiet ma' sħab minn pajjiżi terzi; il-ħolqien ta' mogħdijiet legali effettivi lejn l-UE; l-integrazzjoni tal-fruntiera esterna fil-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE; il-bini ta' proċeduri dwar l-ażil u r-ritorn ġusti, effiċjenti u mingħajr xkiel; il-provvista ta' sistema ta' Schengen li tkun kapaċi li tislet il-fiduċja; u l-iżvilupp ta' politiki ddedikati biex jgħinu l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetajiet Ewropej.

Il-proposta timplimenta l-Patt Ġdid u b'mod partikolari l-objettiv li titnieda mill-ġdid ir-riforma tal-ażil proposta mill-Kummissjoni fl-2016 billi fost l-oħrajn tħares lejn modi kif tiġi stabbilita sistema ta' ażil u ritorn mingħajr xkiel u tistabbilixxi approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. F'dan ir-rigward, din il-proposta tiżgura li l-Istati Membri kollha jagħmlu kontribuzzjonijiet biex jappoġġaw lill-pajjiżi f'sitwazzjoni ta' kriżi. Din il-proposta se tiżgura li l-isfidi li qed jiffaċċja l-approċċ komprensiv, bħall-ħtieġa li tiġi sostnuta pressjoni mnaqqsa minn wasliet irregolari u fruntieri esterni b'saħħithom, it-tnaqqis fil-movimenti 'l quddiem u l-istress fuq iż-żona Schengen kif ukoll ritorn u riammissjonijiet rapidi u effettivi huma indirizzati b'mod effettiv f'sitwazzjoni ta' kriżi.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### 2.1. Bażi ġuridika

Din il-proposta tikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u għall-proposti leġiżlattivi li saru flimkien mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Fiha għadd ta' dispożizzjonijiet relatati mar-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil u r-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjat f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Għalhekk għandha tiġi adottata fuq il-bażi legali xierqa, jiġifieri l-Artikolu 78, it-tieni paragrafu, il-punti (c), (d) u (e) u l-Artikolu 79, it-tieni paragrafu, il-punt (c) tat-TFUE, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

## 2.2. Ġeometrija varjabbli

L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 604/2013, wara li nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament abbażi tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja annessat mat-TUE u t-TFUE[9].

Skont il-Protokoll imsemmi hawn fuq, l-Irlanda tista' tiddeċiedi li tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Għandha wkoll din l-għażla wara l-adozzjoni tal-proposta.

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Madankollu, peress li d-Danimarka tapplika r-Regolament ta' Dublin attwali, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali li hi kkonkludiet mal-KE fl-2006[10], hi għandha, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-Ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk hux se timplimenta jew le l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda u tad-Danimarka fl-arranġamenti stipulati f'din il-proposta għal Regolament se tiġi ddeterminata matul in-negozjati skont dawn il-Protokolli. Dawn il-Protokolli b'mod partikolari jippermettu lill-Irlanda, iżda ma jirrikjeduhiex, li tagħżel inizjattivi fil-qasam tal-politika tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja filwaqt li tirrispetta l-operabbiltà tagħhom.

## 2.3. Impatt tal-proposta fuq pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE

B'mod parallel mal-assoċjazzjoni ta' bosta Stati Membri li mhumiex fl-UE mal-acquis ta' Schengen, l-Unjoni kkonkludiet bosta ftehimiet li jassoċjaw lil dawn il-pajjiżi anki mal-acquis ta' Dublin/Eurodac:

– il-ftehim li jassoċja lill-Iżlanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001;
– il-ftehim li jassoċja lill-Iżvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar 2008;
– il-protokoll li jassoċja lil-Liechtenstein, iffirmat fis-7 ta' Marzu 2011.

Sabiex jinħolqu drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka – li, kif spjegat hawn fuq, kienet assoċjata mal-acquis ta' Dublin/Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħra bejn l-Unjoni u l-pajjiżi assoċjati[11].

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-acquis ta' Dublin/Eurodac u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jieħdu sehem fl-adozzjoni tal-ebda att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin (inkluża għalhekk din il-proposta) iżda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien mogħti bid-

[9] L-istess japplika għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni skont il-Ftehim dwar l-Irtirar.

[10] Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-analiżi ta' talba għall-ażil magħmula fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin, ĠU L 66 8.3.2006, p. 38.

[11] Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (konkluż fl-24.10.2008, ĠU L 161, 24.06.2009, p. 8) u l-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru, fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001).

deċiżjoni tagħhom jekk humiex se jaċċettaw il-kontenut ta' dak l-att jew le, ladarba jiġi approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Fil-każ li n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera jew il-Liechtenstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin/Eurodac, il-ftehimiet rispettivi jiġu mwaqqfa, sakemm ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità il-Kumitat Konġunt/Imħallat li ġie stabbilit mill-ftehimiet.

Ir-Regolament propost għandu kamp ta' applikazzjoni usa' li jmur lil hinn mis-suġġett tal-ftehimiet imsemmija hawn fuq. Sabiex jiġi żgurat li l-ftehimiet mad-Danimarka u l-Pajjiżi Assoċjati li jirregolaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-sistema ta' Dublin jiġu ppreservati, id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, jekk dan l-att jiġi aċċettat, ikunu marbuta biss mill-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

## 2.4. Sussidjarjetà

It-Titolu V tat-TFUE dwar il-Qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti lill-Unjoni Ewropea ċerti setgħat dwar dawn il-kwistjonijiet. Dawn is-setgħat iridu jitħaddmu f'konformità mal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Il-proposta tintroduċi regoli speċifiċi dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni bil-ħsieb li strutturalment jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi ġġenerati fi kwalunkwe Stat Membru minn influss bil-massa ta' persuni u jinkiseb qsim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri. Bħala definizzjoni, din il-proposta tittratta każijiet fejn Stat Membru ma jistax ilaħħaq waħdu mas-sitwazzjoni.

Barra minn hekk, hemm għadd ta' elementi proċedurali previsti biex jassistu Stat Membru jew Stati Membri li jkunu qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dawn. Il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn għandhom ikunu regolati mill-istess regoli madwar l-Unjoni, irrispettivament min-numru ta' Stati Membri li japplikawhom, sabiex jiġi żgurat, f'sitwazzjoni ta' kriżi, approċċ komuni għar-regoli li jistgħu jiġu derogati. Dan jipprovdi wkoll ċarezza u ċertezza legali lill-individwi kkonċernati minn dawk il-proċeduri u jiżgura r-rispett tad-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-iskattatur ta' derogi bħal dawn, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-perjodu ta' żmien tagħhom għandhom jiġu rregolati fil-livell tal-UE, sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u l-istat tad-dritt. Għalhekk, l-objettivi ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament propost, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk l-Unjoni għandha taġixxi u tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-proposta fiha wkoll miżuri relatati ma' force majeure li jistgħu jiġu applikati minn Stat Membru jew mill-Unjoni kollha fir-rigward tal-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni jew ir-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil propost.

Il-kisba ta' dawn l-objettivi teħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE peress li huma ta' natura transfruntiera. Huwa ċar li l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri individwali ma jistgħux iwieġbu b'mod sodisfaċenti għall-ħtieġa ta' approċċ komuni tal-UE għal problema komuni.

## 2.5. Proporzjonalità

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet eżatti meta regoli derogatorji jkunu jistgħu jiġu applikati kif ukoll jipprovdi l-kamp ta' applikazzjoni u l-limitu ta' żmien biex jiġu

applikati tali regoli. Ġie stabbilit ukoll mekkaniżmu biex jirregola l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli derogatorji biex jiżgura li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

L-elementi kollha tal-mekkaniżmu biex ikunu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi tal-kriżi kkawżata minn influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' Stat Membru jew is-sitwazzjoni speċifika ta' force majeure huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex ikun stabbilit u jkunu permessi d-derogi ta' proċedura xierqa u skattar rapidu ta' solidarjetà, biex ikun żgurat trattament ugwali f'termini ta' drittijiet u garanziji għall-applikanti u sabiex jiġu adattati r-regoli dwar il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn.

Id-derogi mir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni u r-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil huma proporzjonati, b'għadd ta' salvagwardji stabbiliti li jilħqu bilanċ bejn il-ħtiġijiet immedjati tal-Istati Membri biex jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' force majeure u l-ħtieġa għal ċertezza legali u uniformità fl-applikazzjoni ta' tali derogi.

Fid-dawl tas-sitwazzjonijiet straordinarji ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru, li jrendi s-sistema tal-ażil, l-akkoljenza jew ir-ritorn tagħhom mhux funzjonali, huwa kkunsidrat proporzjonat li fil-proċedura għall-ġestjoni tal-kriżijiet fl-oqsma tal-ażil u tar-ritorn, it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil u r-ritorn stabbilit fir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil jittawwal b'perjodu massimu ta' tmien ġimgħat rispettivament.

L-estensjoni tal-limiti ta' żmien introdotti f'każijiet ta' force majeure hija meħtieġa sabiex jiġu ssimplifikati madwar l-Unjoni d-derogi mir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni u r-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil.

Il-limiti imposti fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-applikazzjoni tad-derogi jippermettu li jintlaħaq bilanċ bejn il-ħtieġa li l-awtoritajiet nazzjonali li jkunu qed jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' force majeure jkollhom aktar żmien biex iwettqu l-kompiti tagħhom u l-ħtieġa li jipproteġu d-drittijiet tal-applikanti u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet miċħuda.

### 2.6. Għażla tal-istrument

Billi dan ir-Regolament propost jipprevedi ċerti derogi għar-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni u għar-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil, l-istess strument legali jintuża biex jistabbilixxi sett ta' regoli li jippermettu lill-Istati Membri u lill-Unjoni jittrattaw is-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' kriżijiet ikkawżati minn influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' Stat Membru jew jittrattaw is-sitwazzjoni speċifika ta' force majeure.

Huwa biss Regolament li jistabbilixxi derogi mill-proċeduri ta' ażil u ta' ritorn fl-Unjoni, u li d-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom ikunu applikabbli direttament, li jista' jipprovdi l-grad meħtieġ ta' uniformità u effettività meħtieġa fl-applikazzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-UE dwar l-ażil f'sitwazzjoni ta' kriżi u ta' force majeure.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

**Ġbir ta' għarfien dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

### 3.1. Tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal analitiku dettaljat jakkumpanja l-proposti leġiżlattivi, u dan huwa bbażat fuq *data* u statistika tal-UE disponibbli pubblikament, kif ukoll fuq l-esperjenza miġbura mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tagħha dwar is-sitwazzjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fuq il-post. Kompilazzjoni ta' dawn turi li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil teħtieġ qafas legali msaħħaħ b'regoli ġodda jew emendati sabiex jiġu indirizzati l-isfidi attwali tal-migrazzjoni.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jidentifika għadd ta' sfidi li l-UE qed tiffaċċja bħalissa, iqis is-sitwazzjoni attwali, u jiddeskrivi s-soluzzjonijiet possibbli biex dawn ikunu indirizzati. Huwa jiddependi fuq *data* miġbura mill-bidu tal-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015-2016 u jislet tagħlimiet importanti minnha. Il-paraguni jsiru tul id-dokument kollu sabiex jintwerew ix-xejriet, iżda wkoll in-nuqqasijiet li rriżultaw fil-ġestjoni ta' dik il-kriżi. Dan jenfasizza li f'ċerti oqsma, huma meħtieġa għodod aktar robusti biex tiġi evitata kwalunkwe kriżi futura, bħal sitwazzjonijiet ta' influss bil-massa, iżda wkoll flessibbiltà f'sitwazzjonijiet ta' force majeure, fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19.

Waħda mill-isfidi identifikati hija n-nuqqas ta' mekkaniżmu biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi li jistgħu jirriżultaw minn influss bil-massa ta' migranti irregolari li kapaċi jagħmlu s-sistema tal-ażil jew tal-akkoljenza ta' Stat Membru mhux funzjonali, u li jkollhom konsegwenzi serji fuq il-funzjonament tas-SEKA ġenerali. Bħala parti minn dik l-isfida, ġie identifikat li, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-UE spiss għadha mhix kapaċi tiżgura l-aċċess għall-proċeduri fil-fruntieri, minkejja l-fatt li l-UE hija attwalment imħejjija aħjar biex tindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi milli kienet fl-2015.

Avvenimenti reċenti bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi politika li rajna fil-fruntiera bejn il-Greċja u t-Turkija f'Marzu 2020 jindikaw ukoll oqsma fejn ir-reżiljenza hija meħtieġa permezz ta' regoli speċifiċi li jistgħu jiġu applikati f'sitwazzjonijiet ta' force majeure.

Anke s-sistema l-aktar imħejjija u ġestita tajjeb jeħtieġ li jkollha qafas li fih tittratta kriżijiet jew sitwazzjonijiet ta' force majeure fejn il-flessibbiltà skont id-diversi strumenti leġiżlattivi ma tkunx biżżejjed. L-Istati Membri jeħtieġu għodod biex jittrattaw il-kawżi varji u differenti tal-migrazzjoni kif ukoll miżuri immedjati biex jittrattaw il-pressjoni estrema li tirriżulta minn sitwazzjonijiet bħal dawn.

Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-effettività tar-rispons tista' tkun influwenzata ħafna minn ħsieb bil-quddiem u tħejjija effettivi, b'bidla minn modalità reattiva għal waħda bbażata fuq it-tħejjija u l-antiċipazzjoni. Din hija xi ħaġa li għadha nieqsa fil-livell tal-UE, u li hija meħtieġa bħala parti mill-isforz biex is-sistema attwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ssir aktar reżiljenti u reattiva.

L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) għandha tgħin biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas billi jiġu mmonitorjati u antiċipati l-flussi tal-migrazzjoni, tiżdied ir-reżiljenza u tittejjeb il-koordinazzjoni teknika tar-rispons għall-kriżi, b'rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u filwaqt li jintużaw u jiġu kkumplimentati l-għodod eżistenti.

Dawn l-isfidi jenfasizzaw il-ħtieġa għal regoli speċifiċi dwar is-solidarjetà f'każ ta' kriżi, li jkunu jinkludu skema ta' solidarjetà obbligatorja għar-rilokazzjoni jew għar-ritorn sponsorizzat biex jiġi żgurat rispons rapidu biex tiġi rilaxxata l-pressjoni estrema li jħabbtu

wiċċhom magħha l-Istati Membri affettwati. Huma jitolbu wkoll derogi proċedurali li l-Istati Membri jistgħu japplikaw fis-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni tagħhom. Id-derogi mir-regoli dwar l-ażil u r-ritorn għandhom jiżguraw li l-Istati Membri jkollhom il-mezzi u biżżejjed żmien biex iwettqu l-proċeduri rilevanti f'dawk l-oqsma.

Fir-rigward ta' persuni spostati minn pajjiżi terzi li qed jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jistgħux jerġgħu lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom u għandhom bżonn ta' protezzjoni ta' malajr mal-wasla fl-UE, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jasal ukoll għall-konklużjoni li l-miżuri eżistenti biex jingħata aċċess rapidu għall-protezzjoni ma jidhrux li huma xierqa għall-iskop tagħhom aktar. Huwa jenfasizza li, skont l-Istudju[12] dwar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja[13] (TPD), il-partijiet ikkonċernati qablu li bilkemm kien possibbli li jintlaħaq ftehim bejn l-Istati Membri dwar l-attivazzjoni possibbli tat-TPD. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għalhekk jikkonkludi li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ma għadhiex tirrispondi għar-realtà attwali tal-Istati Membri u jeħtieġ li titħassar. Madankollu, jirrikonoxxi li ċerti gruppi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'riskju għoli għandhom jingħataw protezzjoni malajr – fuq bażi immedjata. F'dak ir-rigward, din il-proposta tiżgura li l-persuni li jingħataw protezzjoni immedjata jibbenefikaw minn drittijiet ekonomiċi u soċjali ekwivalenti għal dawk li jgawdu minnhom il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika]. Dawn id-drittijiet jinkludu l-protezzjoni kontra refoulement, informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi relatati mal-istatus tagħhom, iż-żamma tal-unità tal-familja, id-dritt li jinħareġ permess ta' residenza, il-libertà tal-moviment fl-Istat Membru, l-aċċess għall-impjieg, l-aċċess għall-edukazzjoni, l-aċċess għal proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, is-sigurtà soċjali u l-għajnuna soċjali, il-kura tas-saħħa, id-drittijiet relatati ma' minorenni mhux akkumpanjati, l-aċċess għal akkomodazzjoni, l-aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni u għajnuna għar-ripatrijazzjoni.

### 3.2. Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati f'għadd ta' okkażjonijiet biex tiġbor il-fehmiet tagħhom dwar il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. B'mod parallel, il-Presidenzi tar-Rumanija, tal-Finlandja u tal-Kroazja kellhom skambji kemm strateġiċi kif ukoll tekniċi dwar il-futur ta' aspetti varji tal-politika dwar il-migrazzjoni, inklużi l-ażil, ir-ritorn, ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. Dawn il-konsultazzjonijiet urew appoġġ għal bidu ġdid għall-politika Ewropea dwar l-ażil u l-migrazzjoni biex jiġu indirizzati b'mod urġenti n-nuqqasijiet fis-SEKA, biex titjieb l-effettività tar-ritorni u tiġi stabbilita sistema Ewropea ġenwina tar-ritorn, biex jissaħħu r-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u biex tiġi żgurata riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti wara r-ritorn tagħhom lejn il-pajjiżi ta' oriġini.

Qabel it-tnedija tal-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni impenjat ruħha f'konsultazzjonijiet intensi kontinwi mal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni organizzat ukoll żewġ sessjonijiet ta' żjarat u konsultazzjonijiet bilaterali ma' kull Stat Membru individwalment fl-ewwel 100 jum fil-kariga u wkoll, aktar reċentement, qabel il-

[12] Imwettqa għad-DĠ HOME mill-QKI, Jannar 2016.

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

preżentazzjoni tal-Patt. L-għan tal-konsultazzjonijiet kien li jinġabru fehmiet u ideat dwar il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil futur. L-Istati Membri impenjaw ruħhom b'mod attiv f'dawn il-konsultazzjonijiet, u ħareġ qbil komuni dwar il-ħtieġa ta' unità, għal progress gradwali fis-soluzzjoni tad-dgħufijiet tas-sistema attwali, għal sistema ġdida ta' tqassim ġust tar-responsabbiltà li għaliha l-Istati Membri kollha jistgħu jikkontribwixxu, għal protezzjoni b'saħħitha tal-fruntieri, u dwar l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni u r-ritorni mtejba.

F'dawn id-diskussjonijiet, diversi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet regolari u dawk ta' kriżi u esprimew preferenza biex dawn jiġu akkomodati fi strumenti differenti.

L-Istati Membri u l-Parlament Ewropew appoġġaw il-ħtieġa għal progress fis-soluzzjoni tan-nuqqasijiet tas-sistema attwali, il-ħtieġa għal sistema ġdida ta' tqassim ġust tar-responsabbiltà li għaliha jistgħu jikkontribwixxu l-Istati Membri kollha, protezzjoni b'saħħitha tal-fruntieri, rispett għad-drittijiet fundamentali fl-aspetti kollha tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE, l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, inklużi mogħdijiet legali u sikuri, u ritorni mtejba.

Ġew organizzati numru ta' workshops u diskussjonijiet matul il-Presidenza Finlandiża f'diversi fora tal-Kunsill, inkluża l-Konferenza ta' Tampere 2.0 li saret fl-24-25 ta' Ottubru 2019 f'Ħelsinki u l-Forum ta' Salzburg li sar fi Vjenna fis-6-7 ta' Novembru 2019, fejn l-Istati Membri sejħu għall-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli derogatorji fi żminijiet ta' kriżi.

Il-Kummissarju Johansson organizzat f'diversi okkażjonijiet konsultazzjonijiet immirati lejn organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali rilevanti fl-Istati Membri, sħab soċjali u ekonomiċi. F'dan il-proċess ta' konsultazzjoni, ġew ippreżentati rakkomandazzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-ħtieġa għal aktar żvilupp ta' approċċ komuni dwar standards speċifiċi għat-tfal f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2017 dwar it-Tfal fil-Migrazzjoni[14]. Is-soċjetà ċivili ġiet ikkonsultata wkoll fil-proċess tal-Forum Konsultattiv imwaqqaf mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO), dwar suġġetti bħall-passi inizjali fil-proċedura tal-ażil (2019).

Il-Kummissjoni qieset ukoll rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali[15], organizzazzjonijiet mhux governattivi u internazzjonali, bħall-UNHCR[16], l-IOM[17], kif ukoll gruppi ta' riflessjoni u l-akkademja, dwar kif għandu jiġi previst bidu ġdid għall-migrazzjoni u jiġu indirizzati l-isfidi attwali tal-migrazzjoni filwaqt li jiġu salvagwardjati l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-fehma tagħhom, bidu mill-ġdid fir-rigward tar-riforma għandu jirrevedi ċerti regoli għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u jipprovdi għal mekkaniżmu ta' solidarjetà inkluż għal persuni żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi wkoll isostnu li jkun hemm fehim komuni

---

[14] L-Inizjattiva għat-Tfal fil-Migrazzjoni appellat għal approċċ komuni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tfal neqsin (mhux akkumpanjati u separati), biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi sabiex jiġu indirizzati r-riskji tat-traffikar, u l-adozzjoni ta' standards speċifiċi għat-tfal għall-proċeduri tal-ażil.

[15] Pereżempju, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Berlin dwar Politika Ewropea ġdida dwar l-Ażil, il-25 ta' Novembru 2019, iffirmat minn 33 organizzazzjoni u muniċipalità.

[16] Ir-rakkomandazzjonijiet tal-UNHCR għall-Patt propost tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Jannar 2020.

[17] Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-IOM għall-Patt tal-Unjoni Ewropea l-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Frar 2020.

tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri u talbu li r-regoli ta' Dublin riveduti jkunu jinkludu mekkaniżmu ta' rilokazzjoni aktar permanenti[18].

Il-Kummissjoni qieset ukoll il-kontribuzzjonijiet u l-istudji tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni[19], li tnedew fuq l-inizjattiva tagħha u li matul l-aħħar snin ħarġu diversi studji speċjalizzati u mistoqsijiet *ad hoc*.

Ħafna Stati Membri u partijiet ikkonċernati indikaw il-ħtieġa għal sistema ta' migrazzjoni ġestita tajjeb li kellha bħala parti mill-għodod tagħha l-prinċipju li fi żmien ta' kriżi kkawżat minn influss bil-massa ta' persuni fit-territorju ta' Stat Membru, ir-rilokazzjoni għandha tkun il-miżura awtomatika ta' solidarjetà sabiex tittaffa malajr il-pressjoni minn dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, fid-dawl tal-lezzjonijiet li ttieħdu mill-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, kollha, ripetutament sejħu lill-Kummissjoni biex tqis dawn il-lezzjonijiet u tiżgura li l-qafas leġiżlattiv seta' jindirizza fil-futur sitwazzjonijiet ta' force majeure bħal dawn.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-argumenti mressqa u kkonkludiet li flimkien mal-proposti leġiżlattivi attwali, huwa meħtieġ li jiġi previst qafas li jista' jiġi attivat fi żminijiet ta' kriżi u ta' force majeure sabiex jappoġġa immedjatament lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet bħal dawn jew permezz ta' regoli speċifiċi dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni jew permezz ta' elementi ta' proċedura oħra li jistgħu jkunu meħtieġa li jiġu stabbiliti għall-Istati Membri jew għall-Unjoni kollha kemm hi.

### 3.3. Drittijiet fundamentali

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-obbligi li joħorġu mil-liġi internazzjonali.

Il-qafas previst f'dan ir-Regolament għandu jiġi applikat f'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali kif minquxa fil-Karta, inkluż id-dritt għad-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1), il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti (l-Artikolu 4), id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8), id-dritt għall-ażil (l-Artikolu 18), il-protezzjoni minn refoulment (l-Artikolu 19), in-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21), l-ugwaljanza tad-drittijiet bejn l-irġiel u n-nisa (l-Artikolu 23), id-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24) u d-dritt għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47). Din il-proposta tqis b'mod sħiħ id-drittijiet tat-tfal u l-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

Id-dritt għall-ħelsien u l-libertà tal-moviment huwa protett peress li, jekk id-detenzjoni tintuża fil-kuntest tar-regoli derogatorji għall-proċeduri fil-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn, dawn ir-regoli derogatorji jistgħu jiġu applikati biss f'qafas strettament regolat u għal żmien limitat.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-proċeduri għall-ġestjoni tal-kriżijiet fl-oqsma tal-ażil u tar-ritorn, il-garanziji previsti mir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil u mid-Direttiva dwar ir-Ritorn jibqgħu applikabbli għal applikanti u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment jew persuni mingħajr Stat suġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera.

[18] Rapport dwar il-Proġett CEPS, *Arranġamenti ta' tiftix u salvataġġ, żbarkar u rilokazzjoni fil-Mediterran. Nitbiegħdu mir-Responsabbiltà?*, Ġunju 2019.

[19] L-istudji u r-rapporti kollha tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni huma disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/networks/european_migration_network_en

Id-drittijiet tat-tfal huma protetti fil-proposta billi l-minorenni jiġu esklużi mill-proċedura għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tal-ażil ħlief f'ċirkostanzi limitati ħafna, jiġifieri f'każijiet fejn dawn ikunu jirrappreżentaw periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-prinċipju ta' *non-refoulement* minqux fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951 u l-Artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa rrispettat ukoll meta jiġu applikati d-derogi mill-proċedura fil-fruntiera tar-ritorn biex jitwettaq ir-ritorn u d-Direttiva dwar ir-Ritorn. Il-proposta tfakkar espliċitament id-dmir tal-Istati Membri li dejjem josservaw dan il-prinċipju.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Minħabba n-natura ta' din il-proposta marbuta ma' sitwazzjoni ta' kriżi, mhuwiex possibbli li wieħed jistma minn qabel l-impatt baġitarju possibbli. Din se tkun akkomodata kemm jista' jkun fil-baġit tal-istrumenti eżistenti taħt il-perjodu 2021-2027 fil-qasam tal-migrazzjoni u l-Ażil, u fejn meħtieġ, bl-użu tal-mekkaniżmi ta' flessibbiltà previsti fil-QFP 2021-2027. Fejn persuni mogħtija protezzjoni immedjata huma wkoll applikanti għal protezzjoni internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*Ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], id-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-kontribuzzjonijiet għar-rilokazzjoni ta' tali persuni huma dawk li jinsabu fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*].

Il-ħtiġijiet finanzjarji huma kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali u jistgħu jinvolvu l-użu ta' strumenti speċjali kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013[20].

F'termini tal-aspetti ta' proċedura tal-ażil, din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, fuq dawk il-partijiet, ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

### Definizzjoni ta' kriżi

Is-sitwazzjoni ta' kriżi tkopri sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jiġu żbarkati fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, li jkunu ta' tali skala, meta mqabbla mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u ta' tali natura, li jirrendu s-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali, jew ir-riskju imminenti ta' tali sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' influss bil-massa. Sitwazzjonijiet bħal dawn huma koperti mill-proposta biss jekk jintwera li jkollhom konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.

### Regoli speċifiċi dwar l-applikazzjoni obbligatorja, f'sitwazzjoni ta' kriżi, tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

### 5.1. Solidarjetà obbligatorja f'sitwazzjoni ta' kriżi

Il-proposta tintroduċi regoli speċifiċi dwar l-applikazzjoni, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit fil-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, li jipprevedi miżuri obbligatorji fil-forma ta' rilokazzjoni jew ritorn sponsorizzat. Dawn ir-regoli speċifiċi jipprovdu għal kamp ta' applikazzjoni usa' għal rilokazzjoni obbligatorja li ġiet estiża biex tinkludi l-applikanti kollha, kemm jekk ikunu soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera kif ukoll jekk le, migranti irregolari, u persuni mogħtija protezzjoni immedjata skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, qed jiġu stabbiliti perjodi ta' żmien imqassra biex tiġi skattata l-proċedura tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorja prevista fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Ir-ritorn sponsorizzat previst f'din il-proposta huwa differenti minn dak stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni għaliex l-obbligu li l-migrant irregolari jiġi trasferit lejn it-territorju tal-Istat Membru sponsor jiġi skattat jekk il-persuna kkonċernata ma tkunx irritornat jew ma tkunx tneħħiet fi żmien erba' xhur (minflok tmien xhur previsti fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni).

Din il-proposta tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE fir-rigward tal-iskattar tar-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, il-migranti irregolari u l-persuni mogħtija protezzjoni immedjata skont dan ir-regolament kif ukoll ritorn sponsorizzat li jimplikaw l-obbligu li jiġu trasferiti ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment soġġetti għal ritorn sponsorizzat li ma jkunux irritornaw fil-limiti ta' żmien stabbiliti.

Biex jiġu skattati r-regoli speċifiċi għas-solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi li Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi minħabba sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari, li hija ta' tali skala u natura li tirrendi s-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u li jista' jkollha konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, jew riskju imminenti ta' sitwazzjoni bħal din.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba motivata minn Stat Membru li jitlob l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi għas-solidarjetà obbligatorja u tiddetermina jekk hemmx sitwazzjoni ta' kriżi abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji, mill-EASO skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.

Fejn Stat Membru jkun huwa nnifsu Stat Membru taħt pressjoni u jkun qed jibbenefika minn miżuri ta' appoġġ ta' solidarjetà, inkluż meta jkun qed jibbenefika minn tali miżuri skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, għandu jiġi eskluż mill-obbligu li jagħti kontribut għar-rilokazzjoni jew li jwettaq ritorn sponsorizzat skont dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' Forum ta' Solidarjetà għall-Kriżijiet sabiex tiddiskuti s-sejbiet tal-valutazzjoni tagħha u tiddefinixxi r-rispons ta' solidarjetà qabel ma tadotta att ta' implimentazzjoni.

### 5.2. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-miżuri ta’ solidarjetà obbligatorji u r-regoli speċifiċi rigward l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ solidarjetà f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi

Fir-rigward tar-rilokazzjoni, il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-proposta jitwessa’ meta mqabbel ma’ dak previst fis-sitwazzjonijiet ta’ pressjoni fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, peress li se japplika wkoll għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali fil-proċedura fuq il-fruntiera, migranti irregolari u persuni mogħtija protezzjoni immedjata skont dan ir-Regolament. It-trasferiment ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment jew persuni mingħajr Stat soġġetti għal ritorn sponsorizzat, mill-Istat Membru fi kriżi għall-Istat Membru sponsor, jintervjeni jekk ir-ritorn ma jkunx tlesta b’suċċess fi żmien erba’ xhur, jiġifieri wara perjodu iqsar minn dak stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (tmien xhur).

Il-proċedura għall-implimentazzjoni ta’ miżuri ta’ solidarjetà skont din il-proposta se titwettaq f’perjodi ta’ żmien imqassra speċifiċi meta mqabbla ma’ dawk previsti fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippreżentaw Pjan ta’ Reazzjoni ta’ Solidarjetà għall-Kriżijiet fi żmien ġimgħa mill-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni dwar l-eżistenza ta’ sitwazzjoni ta’ kriżi fl-Istat Membru kkonċernat u wara t-tlaqqigħ tal-Forum ta’ Solidarjetà mill-Kummissjoni. Wara dan, il-Kummissjoni għandha tadotta l-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri ta’ solidarjetà għal kull Stat Membru fi żmien ġimgħa.

L-att ta’ implimentazzjoni għandu jiddetermina l-għadd ta’ persuni li għandhom jiġu rilokati u/jew soġġetti għal ritorn sponsorizzat mill-Istat Membru f’sitwazzjoni ta’ kriżi, jiddetermina d-distribuzzjoni ta’ dawk il-persuni bejn l-Istati Membri abbażi ta’ skema ta’ distribuzzjoni bbażata fuq popolazzjoni ta’ 50 % u 50 % tal-PDG kif definit fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.

Għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet ta’ solidarjetà tar-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, din il-proposta ma tinkludix miżuri ta’ solidarjetà fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, is-sostenn operazzjonali u l-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi, peress li dawn il-miżuri li huma ta’ natura aktar fit-tul huma aktar adatti għal sitwazzjonijiet ta’ pressjoni. Peress li fi żminijiet ta’ kriżi hemm il-ħtieġa li tittaffa malajr is-sitwazzjoni kkawżata mill-preżenza ta’ influss bil-massa ta’ persuni, dan ir-Regolament propost għandu jiffoka fuq dawn l-aspetti ta’ solidarjetà. Barra minn hekk, kwalunkwe ħtieġa li tinħoloq fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, is-sostenn operazzjonali u l-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi tkun koperta taħt il-mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM).

L-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu, fejn għal raġunijiet imperattivi ta’ urġenza debitament iġġustifikati minħabba s-sitwazzjoni ta’ kriżi preżenti fi Stati Membri benefiċjarji, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni applikabbli immedjatament li jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx sena.

### 5.3. Proċeduri tal-ażil u tar-ritorn f’sitwazzjoni ta’ kriżi

**Kriterji u dispożizzjonijiet proċedurali**: L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-passi ta’ proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli derogatorji stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 6 sussegwenti. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni meta huma jqisu li jinsabu f’sitwazzjoni ta’ kriżi u jqisu li hemm bżonn l-applikazzjoni jew tal-proċedura għall-ġestjoni

tal-kriżijiet fil-qasam tal-ażil, jew tal-proċedura għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tar-ritorn, jew il-ħtieġa li jiġu applikati derogi mid-dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. L-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar l-Iskrinjar għandu japplika bil-possibbiltà li l-iskadenza ta' ħamest ijiem tiġi estiża b'ħamest ijiem oħra, kif speċifikat f'dak ir-Regolament. Id-derogi jistgħu jintalbu individwalment jew b'mod kumulattiv, madankollu l-kundizzjonijiet speċifikati għall-applikazzjoni ta' kull Artikolu jeħtieġ li jiġu ssodisfati individwalment. Fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, li tista' tapplika għal Stat Membru wieħed jew aktar, tawtorizza l-applikazzjoni tar-regoli derogatorji, għal perjodu li għandu jiġi determinat mid-deċiżjoni nnifisha. Fid-dawl tal-ħtieġa possibbli għal azzjoni immedjata, l-Istati Membri jistgħu jibdew japplikaw b'mod unilaterali d-dispożizzjoni dwar l-estensjoni tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni għal massimu ta' ħmistax-il jum, li fuqha l-Kummissjoni tista' jew tawtorizza l-applikazzjoni ulterjuri tagħha jew tiddeċiedi li ma tagħmilx dan. L-applikazzjoni tar-regoli derogatorji għandha perjodu ta' żmien ċar għall-każijiet kollha: sitt xhur, li jistgħu jiġu estiżi għal massimu ta' sena għad-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tal-ażil u l-proċedura għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tar-ritorn, u massimu ta' erba' ġimgħat għall-applikazzjoni ta' deroga mir-reġistrazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali. Dan il-perjodu ta' erba' ġimgħat jista' jiġġedded, fuq talba oħra mill-Istat Membru kkonċernat, iżda m'għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż total ta' tnax-il ġimgħa.

**Proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tal-ażil:** L-Artikolu 4 jistabbilixxi possibbiltà għall-Istati Membri li jidderogaw mill-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil skont l-Artikolu 41 tar-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil, billi jieħdu deċiżjonijiet fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera fuq il-merti ta' applikazzjoni fejn l-applikant ikun ta' nazzjonalità b'rata ta' rikonoxximent madwar l-UE ta' 75 % jew anqas, flimkien mal-każijiet elenkati skont l-Artikolu 41 tar-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil. Il-limitu tar-rata ta' rikonoxximent ta' 75 % jew anqas huwa maħsub biex jikkostitwixxi bażi għall-Istati Membri biex jgħaddu malajr liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u lill-persuni mingħajr Stat fi proċedura ta' ażil regolari fil-fruntiera, filwaqt li ma jippreġudikax l-eżitu tal-applikazzjoni tagħhom għall-ażil. Dan huwa differenti mil-limitu tar-rata ta' rikonoxximent ta' 20 % fir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil, li jikkostitwixxi raġuni ta' aċċelerazzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri jridu jkomplu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għal dawk il-każijiet kollha pprovduti mir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil (theddida għas-sigurtà, applikanti li ġejjin minn pajjiż b'anqas minn 20 % tar-rata medja ta' rikonoxximent tal-UE) iżda jistgħu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għall-applikanti l-oħrajn kollha li jkunu ġejjin minn pajjiż b'rata ta' rikonoxximent madwar l-UE ta' 75 % jew anqas. Barra minn hekk, f'sitwazzjoni ta' kriżi, il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata mill-Istati Membri għal perjodu addizzjonali ta' tmien ġimgħat, b'hekk jiġi estiż il-perjodu ta' tnax-il ġimgħa previst mir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil.

**Proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn:** L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet tal-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn stabbilit mill-Artikolu 41a tar-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil

u tad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Tali derogi japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew għal persuni mingħajr Stat li l-applikazzjoni tagħhom ġiet miċħuda fil-kuntest tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil, kif ukoll dawk soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-Artikolu 41 tar-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil li l-applikazzjoni tiegħu tiġi miċħuda qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni li tiddikjara li l-Istat Membru kkonċernat qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi, u li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u ma jitħallewx jibqgħu wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Id-dispożizzjonijiet derogatorji jestendu t-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, inkluż id-detenzjoni fejn meħtieġ bħala l-aħħar alternattiva, b'perjodu addizzjonali ta' 8 ġimgħat u jintroduċu każijiet speċifiċi u mmirati sew ġodda, addizzjonali għal dawk stabbiliti fil-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, fejn l-eżistenza ta' riskju ta' ħarba f'każijiet individwali tista' tiġi preżunta, sakemm ma tingħatax prova mod ieħor.

**Derogi mid-dispożizzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali:** L-Artikolu 6 jipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jdewmu r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali sa erba' ġimgħat, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil.

### 5.4. Estensjoni tal-limiti taż-żmien

**Reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali:** F'sitwazzjonijiet ta' force majeure, fejn ikun impossibbli għal Stat Membru li japplika l-iskadenza għar-reġistrazzjoni, l-Artikolu 7 jipprevedi estensjoni ta' erba' ġimgħat għall-Istati Membri biex jirreġistraw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament propost dwar il-Proċeduri tal-Ażil. L-Istati Membri li jiffaċċjaw tali sitwazzjoni ta' force majeure jeħtiġilhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dik is-sitwazzjoni u jindikaw raġunijiet preċiżi għall-applikazzjoni tad-deroga. Bl-istess mod, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni bit-tmiem tas-sitwazzjoni ta' force majeure, u minn dak il-punt 'il quddiem ma għandux jibqa' japplika l-limitu ta' żmien estiż għar-reġistrazzjonijiet.

**Limiti ta' żmien fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*]:** F'sitwazzjonijiet ta' force majeure, fejn ikun impossibbli għal Stat Membru li japplika l-proċedura għall-bgħit u għat-tweġiba għal talbiet biex tittieħed responsabbiltà u notifiki biex l-applikant jittieħed lura fil-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, jew biex jikkonforma mal-limitu ta' żmien għat-trasferiment ta' applikant lill-Istat Membru responsabbli, jiġu stabbiliti derogi speċifiċi biex jippermettu lill-Istati Membri jestendu l-limiti ta' żmien rilevanti taħt kundizzjonijiet stretti. L-Istati Membri li jiffaċċjaw tali sitwazzjonijiet ta' force majeure iridu jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dik is-sitwazzjoni u jindikaw raġunijiet preċiżi għall-applikazzjoni tad-deroga. L-Istat Membru kkonċernat għandu wkoll jinforma lill-Kummissjoni dwar it-tmiem tas-sitwazzjoni ta' force majeure, u wara dan, il-limiti ta' żmien estiżi ma għandhomx jibqgħu jiġu applikati.

**Estensjoni tal-qafas ta' żmien għall-obbligi ta' solidarjetà stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u f'dan ir-Regolament:** meta għal raġunijiet ta' sitwazzjoni ta' force majeure fi Stat Membru partikolari dak l-Istat Membru ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti fil-mekkaniżmu ta' solidarjetà tar-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni jew previsti f'dan ir-Regolament, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni u jestendi l-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri ta' solidarjetà b'massimu ta' sitt xhur.

**Għoti ta' protezzjoni immedjata:** L-Artikolu 10 jipprevedi l-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata lil persuni spustati li, fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, qed jiffaċċjaw riskju għoli ħafna li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjoni ta' kunflitt armat, u li ma jistgħux jirritornaw lejn dak il-pajjiż terz. Il-ħtieġa li jiġi applikat dan l-Artikolu u l-grupp preċiż ta' persuni kkonċernati għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni f'att ta' implimentazzjoni. L-Istati Membri jistgħu, matul il-perjodu ta' applikazzjoni ddeterminat mill-att ta' implimentazzjoni, jissospendu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u jagħtu protezzjoni immedjata lil dawk il-persuni li jissodisfaw il-kriterji rispettivi. Dan il-perjodu ta' sospensjoni jista' jiġi estiż għal massimu ta' sena, mil-liema punt 'il quddiem l-eżami tal-applikazzjonijiet irid jerġa' jibda. Dan se jiżgura l-protezzjoni meħtieġa għall-persuni kkonċernati filwaqt li jtaffi l-pressjoni fuq l-Istat Membru biex jeżamina ammont kbir ta' applikazzjonijiet għall-ażil f'daqqa.

Persuni mogħtija protezzjoni immedjata jibqgħu applikanti għal protezzjoni internazzjonali fl-istess ħin, iżda jenħtieġ li jgawdu mis-sett ta' drittijiet ekonomiċi u soċjali li huma applikabbli għall-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja kif stipulat fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar Standards għall-Kwalifika*]. L-għoti ta' protezzjoni immedjata ma jeħlisx lill-Istat Membru mill-obbligu li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], iżda jippermetti lill-persuna kkonċernata jkollha l-istatus waqt li titwettaq il-proċedura skont dak ir-Regolament. Meta Stat Membru ieħor jiġi ddeterminat bħala l-Istat Membru responsabbli, il-protezzjoni immedjata tieqaf meta jitwettaq it-trasferiment skont dak ir-Regolament. Jekk il-persuni kkonċernati jmorru fi Stati Membri oħra u japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali hemmhekk, l-Istat Membru responsabbli jkun obbligat li jerġa' jeħodhom lura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*]. Billi din il-proposta tinkludi regoli speċifiċi għar-rilokazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minn influss qawwi ta' persuni fit-territorju ta' Stat Membru, u d-dispożizzjonijiet ewlenin għal tali rilokazzjoni jinsabu f'din il-proposta u l-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Kummissjoni beħsiebha tirtira l-proposta tagħha tal-2015 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-

protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat[21].

Minħabba l-iżvilupp tal-kunċetti u tar-regoli ta' kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali, u fid-dawl tal-fatt li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja jenħtieġ li titħassar. Skont din il-proposta, jenħtieġ li tingħata protezzjoni immedjata lil persuni spustati minn pajjiżi terzi li qed jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza mingħajr distinzjoni, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

[21] COM(2015) 450 final.

2020/0277 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 78(2)(c), (d) u (e) u l-Artikolu 79(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura n-nuqqas ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni għall-persuni u tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-kontroll fuq il-fruntieri esterni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li hija ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tinbena fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

(3) L-approċċ komprensiv jenħtieġ li jgħaqqad flimkien il-politiki fl-oqsma tal-ażil, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, ir-ritorni, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u s-sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, filwaqt li jirrikonoxxi li l-effettività tal-approċċ ġenerali tiddependi fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat. L-approċċ komprensiv jenħtieġ li jiżgura li l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha regoli speċifiċi biex tiġġestixxi b'mod effettiv il-migrazzjoni inkluż l-iskattar ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju u li jiġu stabbiliti l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu li sseħħ il-kriżi.

(4) Minkejja l-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi meħtieġa, ma jistax jiġi eskluż li tinħoloq sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil minħabba ċirkostanzi li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma jkollhomx kontroll fuqhom.

[1] ĠU C , , p. .

[2] ĠU C , , p. .

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv u jikkompletah billi jistabbilixxi l-proċeduri u l-mekkaniżmi speċifiċi fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali u r-ritorn li jenħtieġ li japplikaw fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' sitwazzjoni ta' kriżi. Jenħtieġ li jiżgura, b'mod partikolari, l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u l-adattament tar-regoli rilevanti dwar il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, sabiex l-Istati Membri u l-Unjoni jkollhom l-għodod neċessarji għad-dispożizzjoni tagħhom inkluż żmien biżżejjed biex iwettqu dawk il-proċeduri.

(6) Influss bil-massa ta' persuni li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari u f'perjodu qasir ta' żmien jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' kriżi fi Stat Membru partikolari. Dan jista' jkollu wkoll konsegwenzi għall-funzjonament tas-sistema tal-ażil u l-migrazzjoni, mhux biss f'dak l-Istat Membru iżda fl-Unjoni kollha kemm hi, minħabba movimenti mhux awtorizzati u n-nuqqas ta' kapaċità fl-Istat Membru tal-ewwel dħul biex jipproċessa l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ta' tali ċittadini ta' pajjiżi terzi. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u mekkaniżmi speċifiċi li jenħtieġ li jippermettu azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet bħal dawn.

(7) Minbarra s-sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw ċirkostanzi anormali u imprevedibbli barra mill-kontroll tagħhom, li l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux jiġu evitati minkejja l-eżerċizzju tal-attenzjoni kollha dovuta. Tali sitwazzjonijiet ta' force majeure jistgħu jagħmluha impossibbli li jiġu rispettati l-limiti ta' żmien stabbiliti mir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] u (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew għat-twettiq tal-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li s-sistema komuni tal-ażil tkompli tiffunzjona b'mod effiċjenti u ġust, filwaqt li jiġi ggarantit eżami f'waqtu tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali u ċ-ċertezza legali, f'sitwazzjonijiet bħal dawn jenħtieġ li japplikaw limiti ta' żmien itwal għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet u għall-passi proċedurali meħtieġa għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u għat-trasferiment tal-applikanti lejn l-Istat Membru responsabbli. L-Istati Membri li jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' force majeure jenħtieġ li jkunu jistgħu jimplimentaw ukoll il-miżuri ta' solidarjetà li jridu jieħdu skont il-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] f'perjodu ta' żmien estiż, fejn meħtieġ.

(8) Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà għal sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Ġestjoni tal-Asil u Migrazzjoni*] jenħtieġ li jiġi adattat għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi billi jiġi estiż l-ambitu personali tal-miżuri ta' solidarjetà previsti f'dak ir-Regolament u jiġu stabbiliti skadenzi iqsar.

(9) L-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward ta' Stat Membru partikolari jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kunsill jadotta miżuri provviżorji fuq proposta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza fi Stat Membru kkaratterizzata minn influss f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(10) Sabiex jgħin malajr biex itaffi l-pressjoni li jiffaċċja Stat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi, l-ambitu ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jinkludi l-kategoriji kollha ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, inkluż persuni mogħtija protezzjoni immedjata, kif ukoll benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u migranti irregolari. Barra minn

hekk, Stat Membru li jipprovdi ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jittrasferixxi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li s-soġġorn tiegħu jkun illegali mill-Istat Membru benefiċjarju jekk il-persuna kkonċernata ma tirritornax jew ma titneħħiex fi żmien erba' xhur, minflok tmien xhur kif previst mir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*].

(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.

(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u jikkontrollaw il-movimenti mhux awtorizzati. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.

(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu ta' żmien itwal għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula matul tali sitwazzjonijiet ta' kriżi. Tali estensjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-applikanti għall-ażil iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(14) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà meħtieġa meta jiffaċċjaw influss kbir ta' migranti li jesprimu l-intenzjoni li japplikaw għall-ażil, l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, stabbilita mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] jenħtieġ li titwessa', u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil jenħtieġ li tippermetti lill-Istati Membri jieħdu deċiżjoni fil-qafas ta' proċedura fuq il-fruntiera wkoll fuq il-merti ta' applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikun ta' nazzjonalità, jew fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, resident abitwali preċedenti ta' pajjiż terz, li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mogħtija protezzjoni internazzjonali mal-Unjoni kollha huwa ta' 75 % jew anqas. B'riżultat ta' dan, fl-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera tal-kriżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera kif previst mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] iżda jistgħu jestendu l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera għal ċittadini li jiġu minn pajjiżi terzi fejn ir-rata medja ta' rikonoxximent mal-UE kollha hija ogħla minn 20 % iżda anqas minn 75 %.

(15) L-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-*Regolament dwar l-Iskrinjar*] jenħtieġ li japplika bil-possibbiltà li l-iskadenza ta' ħamest ijiem tiġi estiża b'ħamest ijiem oħra, kif speċifikat f'dak ir-Regolament.

(16) F'sitwazzjoni ta' kriżi, fid-dawl tal-pressjoni possibbli fuq is-sistema tal-ażil, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li ma jawtorizzawx id-dħul fit-territorju tagħhom ta' applikanti soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu ta' żmien itwal minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 41(11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*]. Madankollu, il-proċeduri jenħtieġ li jitlestew kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ il-perjodi ta' żmien jenħtieġ li jiġu estiżi biss b'perjodu addizzjonali li ma jaqbiżx it-tmien ġimgħat; jekk dawk il-proċeduri ma jkunux jistgħu jitlestew sal-iskadenza ta' dak il-perjodu mtawwal, l-

applikanti jenħtieġ li jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru għall-finijiet li titlesta l-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.

(17) Il-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn jenħtieġ li, f'sitwazzjoni ta' kriżi, tiffaċilita r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li s-soġġorn tagħhom ikun illegali li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' ġestjoni tal-ażil f'każ ta' kriżi u li ma għandhomx dritt jibqgħu u ma jitħallewx jibqgħu, billi tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-għodod meħtieġa u bi skeda ta' żmien suffiċjenti biex iwettqu proċeduri ta' ritorn bid-diliġenza dovuta. Sabiex tkun tista' twieġeb għal sitwazzjonijiet ta' kriżi b'mod effettiv, il-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn jenħtieġ li tapplika wkoll għall-applikanti, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-persuni mingħajr Stat soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41 tar-Regolament propost (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew rifjutati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara li Stat Membru qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi, u li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u li ma jistgħux jibqgħu wara tali deċiżjoni.

(18) Meta tiġi applikata l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew il-persuni mingħajr Stat li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u li ma jistgħux jibqgħu jenħtieġ li ma jkunux awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u jenħtieġ li jinżammu fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] għal perjodu li jista' jkun itwal minn dak stabbilit minn dak l-Artikolu sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jlaħħqu mas-sitwazzjonijiet ta' kriżi u jiffinalizzaw il-proċeduri ta' ritorn; għal dan il-għan, it-tul massimu ta' 12-il ġimgħa tal-proċedura fuq il-fruntiera biex isir ir-ritorn stabbilit fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li ma jistax jaqbeż it-tmien ġimgħat. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jinżammu f'detenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(41)(a) u (6) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], sakemm il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [*riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn*] jiġu rispettati, inkluż il-valutazzjoni individwali ta' kull każ, il-kontroll ġudizzjarju tad-detenzjoni u l-kundizzjonijiet adegwati tad-detenzjoni.

(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.

(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil*] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*].

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11. 2019, p. 1.

(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali.

(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.

(23) F'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula minn persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fejn huma jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat. F'każ bħal dan, dawk il-persuni jenħtieġ li jingħataw status ta' protezzjoni immedjata. L-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu bl-eżami tal-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard minn sena mis-sospensjoni tagħha.

(24) Persuni mogħtija protezzjoni immedjata jenħtieġ li jkomplu jitqiesu bħala applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, fid-dawl tal-applikazzjoni pendenti tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], kif ukoll skont it-tifsira tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*].

(25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni immedjata jkollhom aċċess effettiv għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] applikabbli u ekwivalenti għal dawk li jgawdu l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja.

(26) Sabiex issir valutazzjoni xierqa tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati mill-benefiċjarji ta' protezzjoni immedjata, il-proċeduri tal-ażil jenħtieġ li jerġgħu jibdew mhux aktar tard minn sena wara s-sospensjoni ta' tali proċeduri.

(27) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[4], ir-regoli dwar il-kwalifiki tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali evolvew b'mod konsiderevoli. Minħabba li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi lil persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jistgħux jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u jipprevedi regoli speċifiċi għas-solidarjetà għal dawn il-persuni, id-Direttiva 2001/55/KE jenħtieġ li tiġi revokata.

(28) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal sitwazzjonijiet ta' force majeure, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE)

---

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] taħt kundizzjonijiet stretti fejn huwa impossibbli li jkun hemm konformità ma' dawk il-limiti ta' żmien minħabba s-sitwazzjoni straordinarja. Tali estensjoni jenħtieġ li tapplika għal-limiti ta' żmien stabbiliti għall-bgħit u għar-rispons ta' talbiet biex tittieħed responsabbiltà u notifiki biex l-applikant jittieħed lura kif ukoll il-limitu ta' żmien biex applikant jiġi ttrasferit lejn l-Istat Membru responsabbli.

(29) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli speċifiċi għal sitwazzjonijiet ta' force majeure, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-limiti ta' żmien relatati mar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], taħt kundizzjonijiet stretti. F'dawn il-każijiet, l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru.

(30) F'tali sitwazzjonijiet ta' force majeure, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kummissjoni u, fejn applikabbli, lill-Istati Membri l-oħrajn, bl-intenzjoni tiegħu li japplika d-derogi rispettivi minn dawk il-limiti ta' żmien, kif ukoll ir-raġunijiet preċiżi għall-applikazzjoni maħsuba tagħhom, kif ukoll il-perjodu ta' żmien li matulu se jiġu applikati.

(31) F'sitwazzjonijiet ta' force majeure, li jagħmluha impossibbli għal Stat Membru li jikkonforma mal-obbligu li jieħu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli għal dak l-Istat Membru li jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li qed jiffaċċja tali sitwazzjoni u li jestendi l-perjodu ta' żmien biex jieħu tali miżuri ta' solidarjetà.

(32) Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, jenħtieġ li mill-aktar fis possibbli, huwa jinnotifika lill-Kummissjoni, u fejn applikabbli, lill-Istati Membri l-oħra, bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Il-limiti ta' żmien li jidderogaw mir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għal protezzjoni internazzjonali magħmula jew għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew għal persuni mingħajr Stat li jinstab li jkunu qegħdin joqogħdu illegalment wara d-data ta' dik in-notifika. Wara tali notifika, il-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] jenħtieġ li jibdew japplikaw.

(33) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jużaw ir-rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE.

(34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(35) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi għall-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni ta' regoli proċedurali derogatorji, u għall-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(36) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi preżenti fl-Istati Membri.

(37) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għall-ażil u l-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni. Ir-Regolament jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mal-Karta u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mad-dritt internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati, l-obbligu tad-drittijiet tal-bniedem u l-projbizzjoni tar-*refoulement*.

(38) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Minħabba li l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxi emendi fit-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil imressqa fid-Danimarka jew kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[6], id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk timplimentax il-kontenut ta' tali emendi fil-ħin tal-adozzjoni tal-emendi jew fi żmien 30 jum wara dan.

(39) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]

JEW

(40) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(41) Fir-rigward tal-Iżlanda u tan-Norveġja, l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxi leġiżlazzjoni ġdida f'qasam li huwa kopert mis-suġġett tal-Anness għall-Ftehim konkluż mill-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja[7].

(42) Fir-rigward tal-Iżvizzera, l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxi atti jew miżuri li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi

[6] ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38.
[7] ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40.

għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għall-ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera[8].

(43) Fir-rigward tal-Liechtenstein, l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxi atti jew miżuri li jemendaw jew li jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni tat-talba għall-ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera li għaliha, jirreferi l-Artikolu 3 tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera[9],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil fl-Unjoni u jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-proċeduri tal-Ażil*] u fid-Direttiva XXX [*riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn*].

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sitwazzjoni ta' kriżi għandha tinftiehem bħala:

(a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], jew

(b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.

## KAPITOLU II –MEKKANIŻMU TA' SOLIDARJETÀ

*Artikolu 2*

*Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi*

1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-*

[8] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.
[9] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 37.

*Migrazzjoni*] *mutatis mutandis*, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.

2. B'deroga mill-Artikolu 50(3), il-valutazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tkopri s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat matul ix-xahar [wieħed] preċedenti.

3. B'deroga mill-Artikoli 51(1), 52(3) u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-iskadenzi stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jitqassru għal ġimgħa waħda.

4. B'deroga mill-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], ir-rapport imsemmi fih għandu jindika jekk l-Istat Membru kkonċernat jinsabx f'sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2)(a) ta' dan ir-Regolament.

5. B'deroga mill-Artikolu 51(3)(b)(ii), l-Artikolu 52(1) u 52(3), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 53(3)(a) tar-Regolament (UE) XXX/XXX[il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], ir-rilokazzjoni għandha tinkludi mhux biss persuni msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament, iżda wkoll persuni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 45(2).

6. B'deroga mill-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], is-sehem ikkalkulat skont il-formula stabbilita f'dak l-Artikolu għandu japplika wkoll għal miżuri stabbiliti fl-Artikolu 45(2), il-punti (a) u (b) ta' dak ir-Regolament.

7. B'deroga mill-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-iskadenza stabbilita fih għandha tkun ta' erba' xhur.

## KAPITOLU III – PROĊEDURI TAL-AŻIL U TAR-RITORN F'SITWAZZJONI TA' KRIŻI

### *Artikolu 3*

### *Kriterji u dispożizzjonijiet proċedurali*

1. Meta Stat Membru jqis li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), dak l-Istat Membru għandu jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 jew 6 kif meħtieġ.

2. Meta, abbażi tal-eżami mwettaq skont il-paragrafu 8, il-Kummissjoni tqis li tali talba tkun ġustifikata, hija għandha, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika r-regoli ta' deroga stipulati fl-Artikoli 4, 5 jew 6.

3. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi adottata fi żmien għaxart ijiem mit-talba u għandha tistabbilixxi d-data minn meta jistgħu jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 jew 6, kif ukoll il-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni tagħhom.

4. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 għal sitt xhur. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal perjodu li ma jaqbiżx sena.

5. Il-Kummissjoni tista’ tawtorizza l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 għal perjodu massimu ta’ erba’ ġimgħat. Jekk Stat Membru jqis li jkun meħtieġ li jestendi aktar l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6, huwa għandu jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel l-iskadenza tal-perjodu ta’ erba’ ġimgħat. Il-Kummissjoni tista’ tawtorizza t-titwil tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 għal perjodu massimu addizzjonali ta’ erba’ ġimgħat, li għandu jkun jista’ jiġġedded darba. Il-perjodu ta’ applikazzjoni ma għandux jaqbeż it-tnax-il ġimgħa b’kollox, inkluż, fejn jiġi applikat il-paragrafu 8, il-perjodu ta’ qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

6. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 11(1).

7. Meta jissottometti t-talba msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista’ jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li jkun meħtieġ li jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 qabel ma jiġi konkluż l-eżami ta’ din it-talba mill-Kummissjoni. F’tali każ, b’deroga mill-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat jista’ japplika r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 mill-jum ta’ wara t-talba u għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il jum. L-Istat Membru għandu jindika fit-talba r-raġunijiet li għalihom hija meħtieġa azzjoni immedjata.

8. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba motivata skont il-paragrafu 1, jew in-notifika skont il-paragrafu 7 abbażi ta’ informazzjoni sostanzjata, b’mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u mill-Uffiċċju Ewropew ta’ appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[10], l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*].

*Artikolu 4*

*Proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tal-ażil*

1. F’sitwazzjoni ta’ kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta’ applikazzjonijiet magħmula fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu, jidderogaw mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] kif ġej:

(a) B’deroga mill-Artikolu 41(2)(b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], l-Istati Membri jistgħu fi proċedura fuq il-fruntiera jieħdu deċiżjonijiet dwar il-merti ta’ applikazzjoni f’każijiet fejn l-applikant ikun ta’ nazzjonalità ta’ pajjiż terz, jew, fil-każ ta’ persuni mingħajr Stat, qabel kien resident abitwali ta’ pajjiż terz, li għalih il-proporzjon ta’ deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali mill-awtorità determinanti jkun, skont l-aħħar *data* annwali disponibbli tal-Eurostat mal-UE kollha, 75 % jew anqas, minbarra l-każijiet

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11)

imsemmija fl-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*];

(b) B'deroga mill-Artikolu 41(11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu jista' jittawwal b'perjodu addizzjonali ta' massimu ta' tmien ġimgħat. Wara dan il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru għat-tlestija tal-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 5*

*Proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn*

1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew persuni mingħajr Stat li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda fil-kuntest tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil skont l-Artikolu 4, u li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u mhumiex permessi li jibqgħu jidderogaw mill-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] kif ġej:

(a) B'deroga mill-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-proċeduri tal-Ażil*], il-perjodu massimu li matulu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr Stat għandhom jinżammu fil-postijiet imsemmija f'dak l-Artikolu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' massimu ta' tmien ġimgħat;

(b) B'deroga mill-Artikolu 41a(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], il-perjodu ta' detenzjoni stabbilit f'dak l-Artikolu ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-punt (a);

(c) Minbarra l-każijiet previsti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva XXX [ir-*riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn*], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li riskju ta' ħarba huwa preżunt f'każ individwali, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, meta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 6(1), il-punt (f) tad-Direttiva XXX[ir-*riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn*] jiġi ssodisfat jew meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ikkonċernati biċ-ċar u b'mod persistenti ma jissodisfawx l-obbligu ta' kooperazzjoni stabbilit mill-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għal applikanti, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għal persuni mingħajr Stat soġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet irrifjutata qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni maħruġa skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u li ma għandhomx dritt jibqgħu u mhumiex permessi jibqgħu wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 6*

*Reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi*

F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3, l-applikazzjonijiet li jsiru fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu rreġistrati mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru permezz ta'

deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*].

## KAPITOLU IV – LIMITI TA' ŻMIEN F'SITWAZZJONI TA' FORCE MAJEURE

*Artikolu 7*

*Estensjoni tal-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]*

1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.

2. Meta Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure kif imsemmi f'dak il-paragrafu li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*], dak l-Istat Membru għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-terminazzjoni tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-limitu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' jiġi applikat.

*Artikolu 8*

*Estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]*

1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 29, 30, 31 u 35 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni għandha tindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom l-Istat Membru jqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ li jiġi applikat. Wara tali notifika, permezz ta' deroga mill-Artikoli 29, 30, 31 u 35 ta' dak ir-Regolament, dak l-Istat Membru għandu:

(a) jissottometti talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 29 fi żmien erba' xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet irreġistrata;

(b) iwieġeb għal talba biex tittieħed responsabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 30 fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba;

(c) jissottometti notifika biex l-applikant jittieħed lura kif imsemmi fl-Artikolu 31 fi żmien xahar minn meta jirċievi l-"hit" tal-Eurodac jew jikkonferma l-wasla fi żmien xahar minn tali notifika;

(d) iwettaq trasferiment kif imsemmi fl-Artikolu 35 fi żmien sena mill-aċċettazzjoni tat-talba biex tittieħed responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika biex l-applikant jittieħed lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali dwar appell jew rieżami ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament.

2. Meta l-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma jikkonformax mal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d), ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] għandha taqa' fuqu jew tiġi ttrasferita lilu.

3. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jirċievi persuni li huwa responsabbli għalihom skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, filwaqt li jindika r-raġunijiet preċiżi għal din l-impossibbiltà. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika ma għandux iwettaq it-trasferiment sakemm l-Istat Membru responsabbli ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure. Meta, minħabba l-persistenza tas-sitwazzjoni ta' force majeure jew għal kwalunkwe raġuni oħra, it-trasferiment ma jseħħx fi żmien sena mill-aċċettazzjoni tat-talba biex tittieħed responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika biex l-applikant jittieħed lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew rieżami ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament, b'deroga mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-Istat Membru responsabbli għandu jinħeles mill-obbligi tiegħu li jieħu responsabbiltà ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tiġi ttrasferita lill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika.

4. Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 3 li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 29, 30, 31 u 35 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] jew li jirċievi persuni li huwa responsabbli għalihom skont dak ir-Regolament, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bit-terminazzjoni tas-sitwazzjoni. Wara tali notifika, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx jibqgħu jiġu applikati fir-rigward ta' applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali magħmula jew għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jinstab li jkunu qegħdin joqogħdu illegalment fid-data ta' dik in-notifika jew wara.

*Artikolu 9*

*Estensjoni tal-perjodi ta' żmien għall-miżuri ta' solidarjetà*

1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-*Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta'

solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

2. Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-perjodu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' japplika.

## KAPITOLU V – GĦOTI TA' PROTEZZJONI IMMEDJATA

*Artikolu 10*

*Għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata*

1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a), u abbażi ta' att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jissospendu l-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil*] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika*] fir-rigward ta' persuni spustati minn pajjiżi terzi li jkunu qed jiffaċċjaw grad għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' protezzjoni immedjata lill-persuni kkonċernati, sakemm ma jirrappreżentawx periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru. Dan l-istatus għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni kontinwa tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji ta' protezzjoni immedjata jkollhom aċċess effettiv għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika*] applikabbli għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja.

3. L-Istati Membri għandhom ikomplu bl-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li ġew sospiżi skont il-paragrafu 1 wara massimu ta' sena.

4. Permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi li hemm sitwazzjoni ta' kriżi abbażi tal-elementi msemmija fl-Artikolu 3;

(b) tistabbilixxi li hemm il-ħtieġa li jiġi sospiż l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) tiddefinixxi l-pajjiż speċifiku ta' oriġini, jew parti minn pajjiż speċifiku ta' oriġini, fir-rigward tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1;

(d) tistabbilixxi d-data li minnha għandu jiġi applikat dan l-Artikolu u tistabbilixxi l-perjodu ta' żmien li matulu l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ta' persuni spostati kif imsemmi fil-punt (a) jistgħu jiġu sospiżi u għandu jingħata status ta' protezzjoni immedjata.

## KAPITOLU VI – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

*Artikolu 11*

*Adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).

3. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

*Artikolu 12*

*Proċedura ta' kumitat*

1. Għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

*Artikolu 14*

*Tħassir*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE qed titħassar b'effett minn xxx (data).

*Artikolu 15*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |